MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 916/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Marisa Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm485.60) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9949 4088 u 99424088;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Lulju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u ma pprezentatx risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenut qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm485.60) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' April, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------